MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 538/2001/1

**George Zaccaria Mercieca**

**vs**

**Carmel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas s-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin (LM529.00,0), (ricevuti annessi), danni

li kkaguna fuq il-vettura tal-marka Fiat Tipo CAH-858 proprjeta' tal-attur waqt incident tat-traffiku tat-28 t'Awissu tas-sena 2000 fit-telgha t'Alla u ommu, Naxxar, li ghalih il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, liema ammont gia' gie inutilment interpellat bl-ittra legali tal-31 ta' Jannar tas-sena 2001 biex ihallas izda baqa' inadempjenti;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra fuq imsemmija u bl-imghax relattiv kontra tieghu minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament tort tas-sewwieq tal-vettura CAH 858 tal-attur li pprova jaqbzu mix-xellug u b'dan il-mod ikkaguna l-kollizjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tat-8.00a.m. tat-28 ta' Awissu tas-sena 2000 u fih kienu nvoluti l-vettura tal-ghamla trakk tal-marka ERF u bin-numru ta' registrazzjoni KAP-921 misjuqa mill-konvenut Carmel Camilleri u l-vettura tal-marka Fiat Tipo bin-numru ta' registrazzjoni CAH-858 misjuqa minn

Caldon Mercieca izda propjeta’ ta’ missieru l-attur George Zaccaria Mercieca;

2. Illi l-incident de quo sehh fit-telgha maghrufa bhala t’Alla w Ommu limiti tan-Naxxar;

3. Illi jirrizulta li Caldon Mercieca kien fid-direzzjoni tan-Naxxar, hekk kif qabez l-ewwel kurva minn isfel sab il-vettura l-ohra quddiemu tiela’ b’velocita’ ridotta u ghalhekk l-istess Mercieca jsostni li hu wkoll kellu jnaqqas il-velocita’;

4. Illi hekk kif wasal fil-post fejn sar l-impatt zbokka t-trakk involut fl-incident in dizamina mit-trejqa li taghti mat-triq principali izda baqa’ hiereg ghat-telgha;

5. Illi meta ghamel din il-manuvra l-istess trakk mhux biss hareg fit-triq principali bl-addocc izda baqa’ fil-karreggjata li minnha jghaddi t-traffiku li jkun sejjer fid-direzzjoni minn Naxxar lejn Bahar ic-Caghaq;

6. Illi kagun ta’ din il-manuvra l-konvenut baqa’ diehel bit-trakk tieghu fuq il-vettura ta’ l-attur;

7. Illi konsegwenza ta’ dan il-vettura ta’ l-attur soffriet id-danni reklamati minnu f’din il-procedura;

8. Illi d-danni sofferti mill-attur jirrizultaw abbundantement ipprovati;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenut hi dijametrikament opposta u jsostni li hekk kif kien tiela’ t-telgha fuq indikata, il-vettura ta’ l-attur kif kienet misjuqa minn ibnu ppruvat taqbzu u meta ra traffiku iehor gej ghall-fuqu dan ma kellux alternattiva hlief li jidhol fuqu;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenut pero’ mhux konfortata minn osservazzjonijiet oggettivament riskontrabbli senjatament;

1. Id-data ta’ l-incident li hu jindika bhala l-21 ta’ Jannar tas-sena 2001 mentri jirrizulta mir-rapport li din kienet it-28 ta’ Awissu tas-sena 2000;

2. Il-posizzjoni kif indikata li waqfu l-vetturi wara l-incident, kif jirrizulta mill-iskizz;

3. Id-danni sofferti;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta bil-versjoni kif esposta mill-attur u mix-xhieda minnu prodotta filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Carmel Camilleri unikament responsabbli ta’ l-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin, (LM529.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Carmel Camilleri biex ihallas l-ammont ta’ hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin, (LM529.00,0), hekk likwidat lill-attur George Zaccaria Mercieca, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.”

Il-konvenut hassu aggravat b’din id-decizjoni u ghalhekk introduca appell minnha. Huwa jikkritika l-motivazzjoni taghha, partikolarment fejn sostniet illi l-versjoni tieghu ma kienetx sorretta minn osservazzjonijiet oggettivament riskontrabbli. Fir-rigward jissenjala dawn l-aggravji:

(a) Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti, kien huwa stess li kkorega d-data ta’ meta sehh l-incident. Effettivament dan hekk jirrizulta mid-deposizzjoni tieghu a fol 54 tal-process.
(b) Dwar il-posizzjoni ta’ kif waqfu l-vetturi wara l-incident, l-iskizz kien aktar jokkorobora l-versjoni tieghu milli dik ta’ iben l-attur. Huwa jissottometti illi l-angolatura tat-trukk misjuq minnu u dik tal-vettura l-ohra huma

ndikattivi tal-fatt korroborattiv illi l-iskizz kien juri l-kuntrarju ta’ dak allegat minn bin l-attur. Dan, skond l-appellanti, hu msahhah ukoll minn natura tad-danni rilevati fuq il-vettura tas-sewwieq l-iehor.

(c) Jirritjeni, mbaghad illi, bl-oppost ta’ dak konkluz mill-ewwel Qorti, l-attur mhux biss ma issodisfax il-piz tal-prova talli wkoll hu rnexxielu jiddemostra illi r-rakkont tieghu tal-incident kien sew sostenut mill-iskizz u minn-natura tad-danni.

Jinghad mill-ewwel a skans ta’ ekwivoci illi din il-Qorti ma thossha xejn konvinta mill-mod superficjali u sbrigattiv li l-ewwel Qorti kkonduciet l-analisi taghha tal-provi. Jinkombi ghalhekk fic-cirkostanzi illi din il-Qorti tikkonsidra jekk il-motivazzjoni tal-Qorti inferjuri setghetx tigi sostnuta fid-dawl tal-provi processwali.

Il-fattezzi tal-kaz prezenti hu wiehed minn dawk frekwenti hafna f’kazijiet ta’ dan il-generu, fejn il-provi prodotti jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda taz-zewg sewwieqa. Xhieda li tkun spiss kontrastanti u konfliggenti fl-elementi vitali taghha u allura spiss inkonkluziva.

Huwa allura doveruz bhala l-ewwel sforz tal-indagini illi l-Qorti tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-incident b’kull element ta’ prova attendibbli rinvenuta mill-atti. Dan ghal fini biex minn tali rikostruzzjoni tittanta tidentifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa relatata mal-osservanza jew non-osservanza da parte taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu fid-dmir li jharsu fic-cirkostanzi li fihom sehh l-incident.

Kif amplifikat fis-sentenza fl-ismijiet “**Moira Galea –vs- Michael Zerafa**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000, “fir-rikostruzzjoni ta’ tali dinamika jassumu rilevanza spiss determinanti b’provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn, bhal dak taht ezami,

dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta’ kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f’salt tant li s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x’ikun gara”.

Dan premess, mill-attijiet tal-kawza l-fatti principali emanenti mill-provi jaghtu kwadru ta’ kuntrast qawwi mhux biss dwar kif sehh l-incident izda wkoll dwar dettalji ohra konkomitanti, u anke sekondarji, kemm antecedenti, kif ukoll ‘ex post facto’, l-istess incident.

Haga naturali ma ghandu qatt jintnesa l-principju primarju tad-dritt illi min jallega jrid jipprova l-fondatezza u l-legittimita` tal-allegazzjoni tieghu. Jibqa’ ghalhekk dejjem l-impenn tal-attur li konkretament jiddemostra ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi kienet il-kondotta zbaljata fis-sewqan tal-konvenut li tat lok ghall-iskontru, u li allura kienet din l-istess kondotta kolpuza accertata li kkagunat l-event dannuz. Mhux hekk biss pero`. Dan ghaliex filwaqt li jehtieglu jaghmel din il-prova, jibqa’ nkombenti fuqu wkoll illi juri li hu uniforma ruhu ghar-regoli stradali u, fuq kollox, ghal dik li hi prudenza ordinarja fis-sewqan tieghu.

Kif drabi ohra osservat il-verifika ta’ din il-kondotta fir-ricerka tar-responsabilita` ghandha l-iskop li tistabilixxi jekk ir-rapport ghac-cirkostanzi ta’ fatt accertat tissussistiex il-konkors ta’ xi htija fid-determinazzjoni ta’ l-event dannuz.

Posti l-konsiderazzjonijiet ta’ dritt appena accennati, din il-Qorti, minn rivalutazzjoni tal-provi, ghandha dubji serji kemm ir-rizultanzi processwali tabilhaqq jiffavorixxu t-tezi sostenuta minn bin l-attur li l-kawza prossima tal-incident hi dovuta ghall-fatt illi l-konvenut dahal go fih meta dan kien qed jindirizza t-trukk tieghu ghal-‘lane’ ta’ gewwa. Hi l-fehma tal-Qorti illi kieku l-incident sehh tassew kif prospettat mis-sewwieq Caldon Mercieca fl-Affidavit tieghu (fol 25), konsiderat li, kif mistqarr, iz-zewg drivers qed isuqu bil-mod, l-impatt kien jisposta l-vettura tieghu lateralment lejn ix-xellug. Huwa veru li dan ix-xhud jghid li bid-daqqa tilef il-kontroll u l-vettura tieghu daret disghin grad izda mbaghad hu ma jispjegax il-fatt tal-hames metri

brakemarks li halliet il-vettura tieghu u lanqas il-posizzjoni tal-vetturi rispettivi kif murija fl-iskizz u li jindikaw kif dawn strahu wara l-habta. Posizzjoni li turi li t-trukk tal-konvenut kien tiela ghad-dritt fil-mument tas-sorpass ta' trukk iehor li kien qed jipprecedih mentri turi lill-vettura tal-attur angolata proprju lejn il-lemin minn fejn kien tiela' t-trukk. Ghall-Qorti dan kollu hu indikattiv illi, kif sostnut mill-konvenut, iben l-attur sab it-trukk l-iehor ma' wiccu u ittanta jaghmel hu wkoll overtaking mil-lane ta' gewwa minn quddiem it-trukk tal-konvenut u sab ruhu konfrontat minnu.

Is-sentenza appellata ma jidherx li tat debitu konsiderazzjoni tal-indikazzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz u tan-nuqqas ta' spjegazzjoni plawsibbli da parte ta' Caldon Mercieca dwar il-hames (5) metri brakemarks. Li kieku din il-Qorti kellha taccetta l-versjoni ta' dan is-sewwieq difficilment tara illi dik il-vettura misjuqa minnu setghet issib ruhha, mbaghad, fil-mod inkwadrat mis-surgent fuq l-istess skizz. Skizz dan li jirregistra b'certa ezattezza l-qisien importanti u r-res gestae tal-incident u li ma jidherx li saret kontestazzjoni dwaru mill-partijiet, ghajr li l-konvenut isemmi li t-trukk tieghu kien aktar l-isfel minn kif muri. Ghall-Qorti wkoll, id-danni subiti fil-vettura tal-attur fil-parti leminija taghha, huma konfacjenti mal-verzjoni tal-konvenut illi iben l-attur ittanta jaghmel sorpass minn quddiemu.

Dawn il-fatti cirkostanzjali fl-isfond tal-iskizz jinducu lil din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik raggunta mill-ewwel Qorti. Konkluzjoni din bazata fuq il-konvinciment illi l-versjoni tal-konvenut kienet aktar attendibbli minn dik ta' iben l-attur. Din il-Qorti lanqas issib, imbaghad, f'din l-istess konkluzjoni taghha xi addebitu ta' kontributorjeta` fir-responsabilita` ghall-akkadut lill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-konvenut appellant u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------